TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/132/14/S

Julie Ann Dalli
Vs
J.Zammit Limited

Illum 5 ta'Frar,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Julie Ann Dalli pprezentata fil-11 ta'Gunju,2014 u r-risposta tas-socjeta J.Zammit Limited ipprezentata fil-25 ta'Gunju,;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni taghha maghmula fis-27 ta'Novembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija 'second-hand' li skont l-attrici, bdiet taghmel hoss kif ukoll titlef l-ispeed;

Illi jinghad mal-ewwel li gie pprezentat kopja ta' skrittura ta' bejgh iffirmata minn parti wahda u cioe mir-rikorrenti biss;

Illi ghalkemm quddiem it-Tribunal xehdet biss ir-rikorrenti, is-socjeta intimata fir-risposta taghha stqarret li r-rikorrenti xrat il-vettura "tale quale" u bl-eskluzjoni ta' kull garanzija;

Illi r-rikorrenti stqarret bil-gurament taghha li ma tafx bl-ingliz u konsegwentement mhux car ghalfejn iffirmat dokument bl-ingliz minghajr ma haditu ghand persuna tal-fiducja taghha biex jispjegahhulha;

Illi dan hu nuqqas kbir daparti tar-rikorrenti kif ukoll hu nuqqas kbir l-ammissjoni tar-rikorrenti li ma haditx 'mechanic' biex jezamina l-vettura qabel xratha;

Illi partikolarment fil-kaz ta' xiri ta' vetturi 'second-hand', hija responsabilita ta' min jixtri li jiehu persuni kompetenti biex jezaminaw kull aspett tal-vettura;

Illi dan hu iktar u iktar necessarju meta l-vettura in kwistjoni kellha iktar minn 14-il sena;

Illi mill-atti ma hemmx prova li l-vettura kellha xi difetti latenti u li kwalsiasi hsara ma kinitx rizultat ta' "wear and tear";

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Julie Ann Dalli u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta J.Zammit Limited b'dan li kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru